MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 1694/1997/1

**Dr. Wilfred Galea u martu Carmen Galea**

**v.**

**Violet Debono u *occorendo* zewgha**
**Mario Debono**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IS-SENTENZA APPELLATA**

1. B’sentenza tat-28 ta’ Gunju 2002 (li kopja taghha qed tigi annessa bhala appendici “A” ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha), il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li semghet u evalwat il-provi u d-dokumenti prodotti mill-partijiet u wara li kkonsidrat is-sottomissjonijiet taghhom iddecidiet billi cahdet it-talbiet ta’ l-atturi safejn maghmula kontra l-konvenut Mario Debono u laqghethom fil-konfront tal-konvenuta Violet Debono. Elaborat inoltre illi “il-konvenuta ghamlet hsara lill-atturi billi tat malafama lill-attrici u ghalhekk ghandha twiegeb ghad-danni – damnum emergens u lucrum cessans – li garrbu l-atturi minhabba f’hekk; tillikwida d-danni fis-somma ta’ ghaxart elef u tmien mitt lira (Lm10,800) u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici ghaxart elef u tmien mitt lira (Lm10,800) flimkien ma’ l-imghaxijiet mil-lum u l-ispejjez gudizzjarji.”

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTA VIOLET DEBONO</u>**

2.0. Il-konvenuta Violet Debono hasset ruhha aggravata b’din id-decizjoni u appellat minnha quddiem din il-Qorti fuq numru ta’ aggravji li ser jigu trattati <u>*seriatim*</u>.

2.1. Fl-ewwel lok il-konvenuta tillanja mill-fatt li l-allegazzjoni li l-atturi sofrew danni peress li l-attrici waqghet f’dipressjoni li ghamlitha impossibbli ghaliha li tkompli taqdi l-funzjonijiet taghha ta’ kuljum bhala mara tad-dar u fl-ghajnuna li kienet tippresta lil zewgha fl-ufficcju tieghu, kienet ikkoroborata biss minn dak li xehdu t-tobba kuranti ta’ l-attrici u l-ewwel Qorti naqset milli tappunta espert jew esperti indipendenti biex jigi determinat il-grad ta’ dizabilita` li sofriet l-attrici.

2.2. Fit-tieni lok l-appellanti tillanja li l-ewwel Qorti ma ezaminatx l-eccezzjoni sollevata minnha rigward l-irritwalita` ta’ l-azzjoni attrici. Tghid li l-ewwel Qorti minghajr ma ezaminat jekk l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jkoprix id-danni morali ddecidiet li l-konvenuta kellha twiegeb ghad-danni kagonati bhala <u>damnum</u> <u>emergens</u> u <u>lucrum</u> <u>cessans</u> fl-ammont ta’ Lm800 fis-sena. Tissottometti li l-ligi taghna tikkontempla d-danni *for pain and suffering* biss fil-kaz taht l-Att dwar l-Istampa u l-Ligi dwar il-Weghdiet taz-Zwieg u kieku kienet l-intenzjoni tal-

legislatur li persuna tigi kompensata ghad-danni subiti b'konsegwenza ta' malafama subita b'mezz divers, kien ikun hemm disposizzjoni _ad_ _hoc_.

2.3. It-tielet lanjanza tal-konvenuta hija dwar ir-responsabbilita`. L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti sabitha responsabbli ghaliex strahet unikament fuq l-istqarrija li kienet ghamlet lill-pulizija. Tghid li peress li hija qatt ma xehdet quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad din qatt ma setghet tevalwa u tqis il-volontarjeta` o meno ta' l-azzjonijiet taghha. Izzid li din l-istqarrija kienet parti mill-proceduri kriminali, proceduri separati minn dawk odjerni u b'hekk tali prova qatt ma setghet tkun ta' piz wahedha fil-kamp civili. Tkompli tissottometti li l-Qorti ta' l-ewwel grad waslet ghal konkluzzjonijiet gratuwiti li ma jsibu ebda bazi fil-provi prodotti quddiemha, meta qalet li l-ittra ma kitbithiex ghax kienet qed tbati minn xi deluzjoni jew "false belief" illi l-attrici kienet tassew ikkomportat ruhha kif tghid l-ittra, u bbazat ruhha fuq l-istqarrija li tat lill-Pulizija jumejn biss qabel ma hija giet rikoverata Mount Carmel Hospital minhabba mard mentali li kienet qed isofri minnu u baqghet hemm sa Awissu 1997. Tissottometti li l-ewwel Qorti tat aktar piz lil din l-istqarrija li hija ghamlet milli lil dak li xehed il-psikjatra Dottor John Mifsud li kien qed jikkuraha u li xehed illi hija kienet qed tbati minn psychotic illness, li skond l-appellanti mhix marda li tigi f'daqqa. Targumenta li kif xehed Dottor John Mifsud l-episodju u l-arrest mill-pulizija setghu ipprecipitaw il-kundizzjoni mentali taghha, izda dan ma jfissirx li l-kundizzjoni ma kenitx prezenti qabel, ghax min ibati minn deluzjonijiet jghix hekk kontinwament. Finalment izzid li ghalkemm hija stqarret quddiem l-Ispettur Bartolo li kitbet l-ittra _de quo_ minhabba fl-ghira, ftit wara fil-presenza ta' zewgha, hi qalet li ma kenitx taf ghalfejn kitbitha, fatt li certament jindika l-istat konfuzjonali li qed tghix fih l-appellanti. Tikkummenta li huwa kontradittorju kif l-ewwel Qorti strahet fuq dak li xehdu t-tobba kuranti ta' l-attrici biex waslet ghad-decizjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni u tbieghdet minn dak li qal Dottor John Mifsud.

2.4. L-ahhar ilment ta' l-appellanti jirreferi ghal-likwidazzjoni tad-danni. L-appellanti tissottometti wkoll li

mhux car b'liema mod il-Qorti setghet tikkonkludi li l-kundizzjoni ta' l-attrici "sejra tiehu fit-tul jekk mhux ghal hajjitha kollha" u lanqas fuq liema provi strahet il-Qorti meta kkonkludiet illi l-atturi kienu se jbatu telf ta' Lm800 fis-sena. Illi l-Qorti semghet ix-xiehda tat-tobba kuranti ta' l-attrici li stqarru li kienu jafuha qabel ma gara l-incident u qabel ma kienet pazjenta taghhom. Dawn it-tobba ghalkemm ikklassifikaw il-kundizzjoni ta' l-attrici bhala kronika ma setghux jipprevedu kemm kienet se ddum u jekk kenitx se titjieb maz-zmien. Tillanja l-appellanti li l-Qorti ta' l-ewwel grad ma appuntatx espert indipendenti biex jassistiha fil-kamp tal-psikjatrija. Izzid tghid li mix-xhieda irrizulta li l-kundizzjoni ta' l-attrici kienet qed titjieb u in fatti l-attur stess xehed li martu regghet qed tghinu f'xogholu u anke bdiet taghmel il-facendi fid-dar, ghalkemm dan allegatament isir bi sforz. B'hekk, it-telf irravizat mill-ewwel Qorti huwa inezistenti u kif xehed Dottor Shields fadal biss il-"wegghat psikologici", li taghhom il-ligi taghna ma taghti l-ebda kumpens.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

3.1. Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti tosserva li l-appellanti f'ebda stadju ma ghamlet xi talba biex jinhatar espert jew esperti gudizzjarji. Kwindi huwa inutli li issa hija tipprova tinkolpa lill-ewwel Qorti ghall-fatt li dan ma sarx. Jirrizulta anzi li fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001, wara li kien xehed Dottor John Mifsud, psikjatra msejjah mill-istess konvenuti, u wara li l-esperti *ex parte* prodotti mill-attrici kienu ilhom li xehdu u anke pproducew kemm dokumenti u kemm rapporti, u b'hekk kien jidher bic-car illi l-konvenuti kienu jafu x'kien intqal minnhom fuq l-attrici. Minkejja dan, il-konvenuti ma talbux lill-Qorti biex tappunta espert mediku indipendenti ai termini ta' l-Artikolu 644 tal-Kap. 12 li jipprovdi li – "Il-prova bil-mezz ta' perit jew periti tigi ordnata fuq talba tal-partijiet jew ta' wahda minnhom, inkella mill-Qorti minn jeddha."

Jirrizulta li f'dik is-seduta, wara li l-Qorti kienet iffissat it-terminu li fih il-partijiet kontendenti kellhom jipprezentaw in-noti ta' osservazzjonijiet taghhom, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

3.2. F’dan ir-rigward ukoll jigi rilevat illi r-rapporti ta’ dawn l-esperti skond il-ligi taghna jikkostitwixxu prova, li, flimkien ma’ provi ohra, jistghu jwasslu l-gudikant ghad-decizjoni tieghu. Fil-kaz prezenti, l-ewwel Qorti ma hassitx li kien hemm bzonn li jigi appuntat espert “indipendenti” mediku, izda lanqas l-appellanti ma jidher li hasset dan il-bzonn. Ghalhekk dana l-aggravju huwa infondat.

4.1. Dwar it-tieni aggravju huwa ovvju li l-appellanti qeghdha tirreferi ghat-tielet eccezzjoni li giet issollevata mill-konvenuti fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom. Ghandu hawn jigi osservat li effettivament l-ewwel Qorti qablet sa certu punt ma’ dak li gie sottomess minnha b’dana pero` fl-istess waqt hija ddikjarat mill-ewwel li l-azzjoni attrici ma kenitx wahda mibnija fuq il-Ligi ta’ l-Istampa, izda fuq l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Dik il-Qorti kompliet telabora li d-danni li setghu jinghataw kienu kwindi dawk kontemplati taht l-Artikolu 1045, ossija t-telf effettiv u attwali li l-vittma sofriet, kif ukoll it-telf li kellha tibqa’ tinkorri fil-futur b’rizultat dirett ta’ l-inkapacita` subita. Fi kliem iehor, imkien ma jissemmew danni “ghall-ingurja morali li sofrew l-atturi” li ghalkemm bhala fatt dawn gew mitlubin fost danni ohra mill-atturi fic-citazzjoni taghhom.

4.2. L-Artikolu 1033 tal-Kap. 16 jipprovdi li,
“Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost bil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk.”

Tali norma fil-kamp tar-responsabbilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tirregola proprju l-punt in ezami, u tenuncja l-principju in virtu` ta’ liema lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. In segwitu mbaghad l-istess Artikolu 1033 tal-Kap. 16 jiddisponi dwar responsabbilita` ghall-hsarat ikkawzati kemm volontarjament kif ukoll b’negligenza, cioe`

involontarjament. Huwa evidenti li dan japplika ghall-kaz odjern fejn l-appellati kienu qed ifittxu lill-konvenuta ghad-danni u dan indipendentement mill-Ligi dwar l-Istampa. Id-danni pagabbli taht dan il-Kapitolu 16 huma dawk spjegati fl-Artikoli 1045, u ghalhekk ma jinkorporawx id-danni morali u non-patrimonjali. In fatti, il-Qrati taghna sal-lum ma jikkontemplawx la danni morali u lanqas danni ghal “pain and suffering” biss, hlief fil-kazi specifikati fil-ligi. Izda fil-kaz odjern ma kienx hemm biss danni morali ikkawzati minn din l-ingurja izda kien hemm ukoll debilita` psikika. F’dan il-kuntest jigi ribadit dak illi gie ritenut mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza in re: Peter Sultana v. Anthony A. Caruana deciza fil-15 ta’ Jannar 2002 li “debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tieghu ta’ xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta’ xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f’kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta’ l-individwu. Li kien mehtieg pero` anke f’dan il-kaz, hu li jigi stabbilit lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li tali debilita` kawzata minn debilita` psikika tkun direttament kawzata mill-incident li ghalih ikun responsabbli l-konvenut, u inoltre, li d-dizabilita` tkun wahda permanenti.”

Id-danni likwidati mill-ewwel Qorti ma gewx akkordati ghal “pain and suffering”; kkawzati lill-atturi, izda minhabba id-dizabilita` psikika li sofriet l-attrici b’rizultat ta’ l-ittra anonima mibghuta lilha mill-konvenuta, appellanti odjerna. Ghalhekk l-argument tad-danni morali ma ghandux importanza hawnhekk.

5.1. It-tielet aggravju ta’ l-appellanti jikkoncerna l-evalwazzjoni u l-apprezzament tal-provi mill-Qorti ta’ l-ewwel grad. Jigi qabel xejn rilevat illi hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta’ provi li juru li tezisti raguni jew ragunijiet gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, il-Qorti ta’ l-Appell ma tiddisturbax dak l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti li allura tkun fl-ahjar qaghda li tisma’, tikkontrolla u tevalwa l-istess provi prodotti u xiehda mismugha *viva voce* (ara Appell Civili fl-ismijiet L. Seguna v. F. Mallia, deciz fis-27 ta’ April

2001). Biex dan isir, (ghaliex fuqu tinkombi l-prova) l-appellant ikun irid jissodisfa lill-Qorti li kien hemm ragunijiet validi u li konsegwentement, jekk din ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta (ara Appell Civili, fl-ismijiet Paul Formosa v. Salvu Debono, deciz fil-5 ta’ Ottubru 2001).

5.2. Jinghad mill-ewwel li l-appellati ghandhom ragun meta jghidu li ghandu jitqies mhux biss dak li l-konvenuta ddikjarat bil-miktub izda anke dak li l-konvenuta stqarret bil-fomm waqt l-interrogazzjoni li saret mill-pulizija. Meta l-konvenut ikun issokkomba fil-gudizzju kriminali ghax jammetti l-imputazzjoni, tali ammissjoni, fil-kaz ta’ gudizzju f’kawza civili ghad-danni, tikkostitwixxi prova, mhux bhala prova in sede kriminali estensibbli ghall-gudizzju civili, imma bhala konfessjoni; jigifieri bl-istess mod kif kienet tkun producibbli bhala prova konfessjoni bil-miktub maghmula band’ohra, jew anke konfessjoni verbali (ara decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Camilleri v. Carmelo Dimech, deciza fit-23 ta’ Jannar 2002). Tali stqarrija hija prova u b’hekk il-Qorti setghet tikkonsidraha meta giet biex tiddeciedi jekk il-konvenuta kenitx qed tbati minn xi deluzjoni dwar l-attrici u dak li akkuzata bih. Dan ghamlitu wara li evalwat ix-xiehda moghtija mill-Ispettur Bartolo, li kien il-persuna li ha hsieb l-investigazzjonijiet u kien prezenti meta saret din l-ammissjoni mill-konvenuta. Huwa xehed li tali stqarrija saret mill-konvenuta volontarjament u fl-ebda hin ma qal, kif allega r-ragel tal-konvenuta, li l-konvenuta kienet sussegwentement qalet li ma kenitx taf ghalfejn kitbet l-ittra anonima (fol. 26). L-ewwel Qorti kellha quddiemha wkoll ix-xiehda ta’ Mario Debono u dik tal-psikjatra Dottor John Mifsud. Kien fuq dawn id-deposizzjonijiet u provi li l-Qorti riedet tasal ghad-decizjoni taghha dwar l-istat mentali tal-konvenuta, ghaliex il-konvenuta qatt ma xehdet quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad u lanqas gie pprezentat affidavit taghha. Dan izda ma hux tort tal-Qorti ta’ l-ewwel grad – jekk il-konvenuta riedet lil dik il-Qorti tevalwa u tqis l-istat mentali taghha kien jispetta lilha li titla tixhed quddiem il-Qorti u tispjega l-fatti mill-perspettiva taghha. Dan hija naqset li taghmlu u issa ma tistax tipprova

tinkolpa lill-Qorti ghal dan in-nuqqas taghha, ghaliex il-Qorti m'ghandha ebda obbligu li tikkonduci hi l-provi tal-partijiet.

5.3. L-appellanti issostni li l-ewwel Qorti tat aktar piz lil dak li kien hemm fl-istqarrija milli dak li xehed Dottor Mifsud, espert psikjatra, li kien qed jikkuraha f'dak iz-zmien. Tghid li skond il-psikjatra hija kienet qeghdha ssofri minn "psychotic illness", li certament ma tigix f'daqqa u ghalhekk wiehed ma jistax jikkonkludi li din ma kenitx tezisti fl-10 ta' Mejju 1997, izda kienet tezisti fit-13 ta' Mejju 1997.

5.4. Minn ezami tad-deposizzjoni ta' Dottor Mifsud (fol. 133 et seq) jirrizulta li hu qatt ma kien ra lill-konvenuta qabel l-incident u li hu ezaminaha fis-17 ta' Mejju 1997. Hu jghid li l-konvenuta kellha "psychotic illness" u li ma kienx hemm kuntatt mar-realta`. Jghid li kienet qaltlu li xi jumejn qabel kienet holmot fuq mara li qed taghmel *inappropriate things*. Meta mbaghad bdew il-kura hija rabbiet "insight" u bdiet tikkritika u tifhem li dawn id-deluzjonijiet kienu foloz (fol. 144). L-istess psikjatra, izda, jispjega fil-bidu tad-deposizzjoni moghtija minnu fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2001 li hemm diversi tipi ta' din il-marda – dawk li jibdew minn gurnata ghall-ohra u jkomplu ghal dejjem u dawk li jibdew minn gurnata ghall-ohra u jaghmlu ftit xhur u jekk moghtijin trattament *they remit* u ohrajn li jibdew bil-mod il-mod, fejn hemm hafna anqas possibilitajiet li tirranga wara. Jispjega li billi huwa konsulent, ma kienx jara l-pazjenti l-isptar kuljum izda biss darba f'gimgha u li t-tobba jkunu qed imexxu lill-pazjenti. Fin-notamenti fil-"file" ta' l-isptar sab illi meta l-konvenuta giet rikoverata l-isptar Monte Carmeli fis-16 ta' Mejju 1997 u li hija kienet qalet lit-tabib li kien ilha minn Jannar 1997 thossha mdejqa, tibki u tixtieq tmut, izda jghid "imma li kien hemm xi sintomi, dejjem skond kif qalet lit-tabib 'admitting' kien minn Jannar (sic)" (fol. 143). Pero` aktar tard fid-deposizzjoni tieghu, meta gie mistoqsi jekk hu dahalx fil-fatt jekk kenitx l-ittra anonima li holqot dawn l-izviluppi li mbaghad waslu ghall-istat taghha jew jekk l-ittra kenitx il-konsegwenza ta' l-istat taghha jghid – "ma dhalniex fiha minhabba 'it could have happened both

ways'... Ahna ma dhalniex f'xejn mill-aspett forensiku ahna rajna l-istat u ghedna li 'kif l-ahjar li nikkurawh'?" Aktar tard jghid li fil-"file" ma kienx hemm informazzjoni li l-marda kienet ilha fuq il-konvenuta. B'hekk il-konvenuta ma hijiex korretta lanqas f'dan ir-rigward billi jirrizulta li l-Qorti ma tbeghditx mix-xiehda ta' Dottor John Mifsud. Dottor John Mifsud ghalkemm xehed li l-konvenuta kellha kundizzjoni li taffettwalha l-"volition" qatt ma qal li din kienet tezisti fil-mument li gie kommess ir-reat li ta lok ghal dawn il-proceduri civili.

5.5. Jigi hawnhekk ribadit il-principju li fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi il-kriterju m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabiltajiet, sostrat baziku ta' l-azzjoni civili; in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hija indotta mill-preponderanza tal-probabiltajiet. Dan kollu, ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli.

5.6. L-aggravju dwar ir-responsabbilita` ghalhekk ukoll mhux fondat. B'hekk wiehed ma ghandux ghalfejn jittratta l-lanjanza konnessa ta' l-appellanti li titratta l-ilment dwar il-kumment ta' l-ewwel Qorti li kieku hija ma kenitx responsabbli minhabba l-kundizzjoni mentali taghha, zewgha ried jirrispondi ghaliha.

6.1. L-ahhar ilment ta' l-appellanti dwar il-quantum tal-kumpens likwidat huwa parzjalment fondat. Mix-xiehda tat-tobba kuranti ta' l-attrici rrizulta li l-kundizzjoni ta' l-attrici kienet giet ikkawzata b'rizultat ta' l-allegazzjonijiet inveritjieri kontenuti fl-ittra anonima mibghuta mill-konvenuta. Huma, in fatti, t-tnejn xehdu li kienu jafu lill-attrici socjalment qabel ma nqala' dan l-incident u Rev. Dr. Victor Shields jghid li meta l-attrici marret ghall-kura ghandu ra bidla kbira fl-attitudni taghha u kkonferma li din il-bidla li ra fil-personalita` taghha hija effett ta' dak li gara – dan setgha jikkonkludih mit-testijiet psikologici li ghamel

(fol. 54 tal-process). Spjega li l-kaz ta' l-attrici mhux wiehed legger ghax laqtilha s-"self esteem" u l-efficjenza taghha bhala persuna normali b'mod specjali fix-xoghol tad-dar. L-istess xehed il-psikjatra kuranti ta' l-attrici, Dottor Peter Muscat, li wkoll kien iltaqa' ma' l-attrici socjalment qabel beda dan l-inkwiet u qal li hija kienet persuna normali u li kienet it-trawma kawzata mill-ittra anonima li wasslitha ghall-*post traumatic stress disorder.* Huwa in fatti kkonferma li fil-hajja u fil-familja, Mrs. Galea ma kellha l-ebda problemi kemm ma' uliedha u ma' zewgha. Lanqas kellha xi problemi finanzjarji jew xi cirkostanzi ohrajn li ghandhom jikkagunawlha xi ansjeta` jew depressjoni (ara fol. 104 tal-process). L-istess jghid il-psikologu Shields (ara fol. 58). It-tnejn li huma kkonfermaw illi l-kundizzjoni ta' l-attrici hija kronika ghaliex ghadha tbati minnha sal-lum, bosta snin wara li kienet irceviet l-ittra anonima. Il-psikjatra, Dottor Peter Muscat, xehed li hu kien stenna li l-konsegwenza ta' din it-trawma kienu se jbattu ghal kollox izda dawn kienu baqghu ghaddejjin, u l-attrici kienet ghadha taht il-kura tieghu u kienet qed tiehu l-medicina b'mod kontinwu (ara fol. 102 et seq). It-tnejn pero` xehdu li l-attrici bdiet turi miljoramenti fil-kundizzjoni taghha. Il-psikologu Dottor Victor Shields jispjega li l-attrici llum irpiljat mill-affarijiet fizici deskritti fir-rapport tieghu izda l-wegghat psikologici baqghu hemm u ghadhom profondi (ara fol. 57). Izid li dawn il-wegghat psikologici diga` kienu waqqghuha f'dipressjoni li ghadha ma hargitx minnha. Jghid li ghalkemm irpiljat fix-xoghol ta' kuljum ghandha bzonn aktar ghajnuna psikologika biex terga' takkwista l-istima taghha nfisha. Fir-rapport tieghu Dottor Shields jghid li l-percentwal stabbilit minnu ta' 29.4% huwa mil-lat psikologiku – irid jiftiehem fis-sens li bhala persuna l-attrici hija 29.4% inqas komplessivament minn persuna normali fl-attivitajiet taghha kemm fizici u mentali, meta tqabblu maghha nfisha qabel ma sehh l-incident. Fl-istess waqt izda huwa ma setax jikkonferma li hija kienet se tibqa' hekk hajjitha kollha – jghid li tista' tnaqqas u tista' zzid. L-effetti ghadhom fuqha izda ma setax jikkonferma jekk meta l-kawza tispicca dawn l-effetti jispiccawx ukoll. Min-naha l-ohra jghid li l-fatt li l-attrici ghadha f'din is-sitwazzjoni fil-prezent jindika li se jkollha bzonn aktar

assistenza psikologika ghaliex giet effettwata kemm fil-hajja matrimonjali taghha, il-karattru u fit-trobbija tat-tfal taghha (fol. 93). Dottor Muscat ukoll ma setax jeskludi li xi darba l-attrici tohrog minn dan l-istat u ma setax jikkonferma li l-kundizzjoni kienet permanenti, izda qal li l-fatt li ilha izjed minn tlett snin idahhalha fil-kategorija ta' mard kroniku.

6.2. F'kelma wahda mill-provi jirrizulta kjarament illi minhabba fl-ittra, l-attrici kellha bzonn kura medika u psikologika, li ghadha ghaddejja sa issa u li hija inkorriet ammont ta' spejjez. Tali kura jidher li ghadha necessarja ghaliex l-attrici ghadha tiehu medicinali, tmur ghat-terapija psikologika u tiehu ghajnuna psikjatrika biex teghleb din il-kundizzjoni. Din it-terapija u kura ghenitha b'mod jew iehor.

6.3. L-ewwel Qorti ddecidiet illi l-ispejjez ghall-kura u medicinali inkorsi sa Novembru 2001 kienu ta' Lm300 fis-sena u uzat id-diskrezzjoni moghtija lilha biex illikwidat ammont iehor ta' Lm500 peress li ddecidiet illi l-attrici tinhtieg ghajnuna fix-xoghol tad-dar u ma tistax tghin lil zewgha fl-ufficcju tieghu. Inoltre, ikkonkludiet illi din il-kundizzjoni kienet se tiehu fit-tul, jekk mhux ghal dejjem, u peress li meta nkitbet l-ittra l-attrici kellha 35 sena, uzat "multiplier" ta' hmistax-il sena.

6.4. Illi d-danni li jistghu jinghataw taht l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili huma _damnum_ _emergens_ u _lucrum_ _cessans_. Id-_damnum_ _emergens_ huwa t-telf u l-ispejjez konsegwenzjali ghall-agir kolpuz li d-danneggjat ikun sofra u li jista' jinkludi t-telf ta' profitti li l-attur ikun sofra attwalment. Il-*lucrum cessans*, it-telf minhabba inkapacita` futura. Dan ta' l-ahhar jinvolvi apprezzament ta' telf futur dovut ghall-inkapacita` li timpingi fuq il-kapacita` ta' qliegh. Gie deciz illi –

"B'telf ta' qliegh wiehed m'ghandux jifhem biss telf tas-salarju jew hlas iehor li huwa jircievi izda ghandu jinkludi l-ispejjez kollha li minhabba fl-infortunju l-persuna jkollha taghmel ghaliex hija se jkollha titlef dawn il-flus minhabba f'dan l-infortunju." (ara Appell Civili fil-kawza fl-ismijiet V. Vella Dalmas v. J. Ghigo et, deciz fil-5 ta' Frar 1980).

Illi fil-prospett tad-danni pretizi, li gie pprezentat mill-atturi fit-12 ta' Novembru 2001 (fol. 117 et seq), l-atturi elenkaw serje ta' spejjez kemm ta' medicinali u spejjez medici. L-ispejjez f'medicinali mis-sajf 1997 sa Gunju 2001 kienu jammontaw ghal Lm745.92c (Dok SGH fol. 121 tergo). Kien hemm ukoll spejjez ta' psikoterapija fl-ammont ta' Lm470 (Dok VS a fol. 122) u ricevuta fiskali ta' spejjez ta' Dottor Peter Muscat fl-ammont ta' Lm110 (Dok PM a fol. 123) ghall-perjodu bejn id-9 ta' Jannar 2001 sat-2 ta' Frar 2001 biss. Dan jammonta ghat-total globali ta' Lm1325.92c. B'hekk jidher li l-medja ta' medicinali minfuqa mill-attrici kull sena kienet ta' madwar Lm185. Tali spiza jidher li ghadha ssir sal-lum u li se tibqa' ssir ghal xi snin ohra peress illi l-psikjatra ta' l-attrici xehed li l-attrici ghad ghandha bzonn din il-medicina. Dawn ghalhekk ghandhom jigu kkunsidrati fil-kalkolazzjoni tal-*lucrum cessans*.

6.5. Wiehed ghandu wkoll jikkonsidra li l-attrici ghad ghandha bzonn kura psikjatrika u ghajnuna psikologika u tali spiza ghalhekk ghandha tigi koperta ghal xi snin. Min-naha l-ohra, l-atturi ma gabux prova li huma qeghdin ihallsu persuna biex tghin lill-attrici fix-xoghol tad-dar. L-attur xehed biss li l-funzjonijiet tal-hajja ta' kuljum ta' martu gew affettwati negattivament minn din l-ossessjoni. Jammetti izda fix-xiehda tieghu tat-28 ta' April 2000 li martu illum qed taghmel ix-xoghol tad-dar u tiehu t-telefonati b'mod limitat, u bi sforz kbir. Zied jghid li kellhom izidu l-ghajnuna – "iva, hemm seftura u dawn l-affarijiet kollha." Izda provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni ma ngibux.

Tenut kont ta' dan kollu jidher li l-ammont ta' Lm400 spejjez fis-sena huwa gustifikat (Lm185 u Lm65 medja ta' hames visti fis-sena ghand Dottor Shields u Lm110 fis-sena ghand il-psikjatra Dottor Peter Muscat – ammont globali ta' Lm360). Il-"multiplier" li mxiet fuqu l-ewwel Qorti ma ghandux jinbidel peress li mill-provi rrizulta li tali kundizzjoni kienet hadet fit-tul, ghadha ezistenti u li l-attrici ghadha taht kura sal-lum, tmien snin wara l-akkadut. Ghalhekk l-ammont f'*lucrum cessans* hu ta' Lm6000, u

dak ta' *damnum emergens* hu ta' Lm1325.92c. Billi l-attrici se tiehu dawn il-flus tmien snin wara l-proponiment ta' l-azzjoni ma ghandu jsir ebda tnaqqis mill-ammont likwidat.

7. Fl-ahharnett jinghad illi dak sottomess mill-appellati fl-ahhar paragrafu tar-risposta taghhom m'ghandux rilevanza diretta ghas-soluzzjoni tal-vertenza odjerna li hija wahda ghar-risarciment ta' danni. Dan nonostante, is-separazzjoni tal-partijiet u specifikament il-qasma ta' l-assi formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti maghmul minnhom fil-kuntratt ta' separazzjoni huwa ta' rilevanza ghall-fini ta' ezekuzzjoni tas-sentenza li qeghdha presenzjalment tinghata. Dan pero` jista' biss *se mai* ikun il-mertu ta' procedura separata minn dik prezenti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' biss *in parte* l-appell tal-konvenuta Violet Debono limitatament ghall-*quantum* tad-danni li ghandhom jithallsu lill-appellati u kwindi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata dwar responsabbilita`, qeghdha tirriforma dik il-parti rigwardanti l-likwidazzjoni tad-danni billi tirriducihom ghas-somma ta' sebat elef tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm7326) per saldu u tikkundanna ghalhekk lill-konvenuta appellanti li thallas lill-atturi appellati dana l-ammont, flimkien ma' l-imghax mid-data tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti sal-hlas effettiv.

Fic-cirkostanzi ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez relattivament ghaz-zewg istanzi li ghandu jigi sopportat hekk: ghoxrin fil-mija (20%) mill-atturi appellati, u tmenin fil-mija (80%) mill-konvenuta.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja shiha tas-sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 2002 qed tigi annessa bhala Appendici "A" ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------